Ħaż-Żabbar
Città Hompesch

**Minuti tal-400 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa, 30 ta' Mejju, 2012**

Il-laqgħa bdiet fis-6.50 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

**<u>Item 1 – Attendenza u Apoloġiji</u>**

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace u l-Kunsillieri s-Sur Joe Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Keith Pisani, is-Sur Robert Buhagiar u s-Sinjura Anna Calleja.

Is-Sur Kevin Plumpton kien skużat.

**<u>Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

Il-minuti tat-399 laqgħa tal-Kunsill ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Pace li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

**<u>Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti</u>**

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk kienetx ingħatat risposta mill-GAL dwar l-*expression of interest* li l-Kunsill issottometta biex titjieb l-aċċessibilità fi Triq Ħs-Sajjied għall-bdiewa kif ukoll għal dawk kollha li joqgħodu jew jgħaddu minn din it-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-GAL kien kiteb lill-Ministeru għall-Iżvilupp Rurali.

Is-Sur Pisani tkellem dwar l-applikazzjoni bit-tema 'Removing Barriers' li qed tiġi ppreparata bil-għan li jinġiebu fondi mill-Unjoni Ewropeja biex jingħata taħriġ u opportunità ta' xogħol lil numru ta' persuni li ilhom japplikaw għax-xogħol għal żmien twil.

Rigward l-applikazzjoni li ġiet sottomessa minn l-organizzazzjoni *Friends of the Earth*, is-Sur Pisani qal li din ma ġietx aċċettata minħabba xi dettal li kien hemm nieqes fl-applikazzjoni. Għalhekk l-applikazzjoni ser tiġi sottomessa mill-ġdid meta ssir is-sejħa pubblika ġdida għall-applikazzjonijiet.

Is-Sur Bonnici nforma lill-Kunsill li flimkien mal-Viċi-*Chairman* tas-Sotto Kumitat għall-Ambjent u l-Ġemellaġġi, kien iltaqa' mas-Sur Diego Puleo, minn Villabate, li ġie Malta biex fost affarijiet oħra jinforma lill-Kunsill dwar dak li ġara fl-elezzjonijiet lokali f'Villabate.

Fis-7.35 ta' filgħaxija is-Sur Pisani talab li jkun skużat.

Is-Sur Buttigieg qal li l-Kap tal-Iskola Dr Francis Chetcuti Primarja B xtaqet twassal ir-ringrazzjamenti tagħha lill-Kunsill għall-għotja ta' kotba li ngħataw lill-istudenti f'Jum il-Premjazzjoni.

Is-Sur Bonnici nforma lill-Kunsill illi wara kummenti li kien għamel fil-paġna tal-Kunsill fuq *Facebook* dwar ilmenti li l-Kunsill ilhu jressaq quddiem *Transport Malta*, il-Perit David Vassallo, uffiċjal pubbliku f'din l-Awtorità offra li jiltaqa' mas-Sur Bonnici biex jiġu diskussi dawn l-ilmenti. Is-Sur Bonnici talab permess mill-Kunsill biex ikun jista' jiltaqa' mal-Perit Vassallo biex jerġa' jressaq l-ilmenti tal-Kunsill li baqgħu ma ġewx indirizzati. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li ssir din il-laqgħa bejn ir-rapprezentant tal-Kunsill u l-ufficjal ta' Transport Malta.

Dwar il-*bring-in-site* ta' Triq in-Newl is-Sur Bonnici qal li ir-reċipjenti tal-*bring-in-site* kienu tpoġġew.

Is-Sur Pace reġa' semma t-*traffic lights* ta' Triq Hompesch ma' Triq il-Kbira u saħaq dwar l-importanza li dawn jitwaħħlu fl-iqsar żmien possibli biex jiġi evitat aktar periklu. Is-Sindku wieġeb li kienet qed issir talba formali lill-Transport Malta biex tingħata approvazzzjoni għal dawn it-*traffic lights*.

Fit-7.45 ta' filgħaxija is-Sur Pace talab li jkun skużat.

Is-Sur Mark Grech semma s-sistema tat-traffiku u l-*parking bays* li mistennija jsiru fi Triq G Agius Muscat u f'toroq oħra fil-viċinanzi, fosthom fi Triq it-Tut u fi Triq Nikol Biancardi. Is-Sur Grech irrefera ukoll għall-korrispondenza li għaddiet dwar dan is-suġġett bejn il-Kunsill u Transport Malta, fejn ingħataw struzzjonijiet dwar linji gwida u specifikazzjonijiet li l-Kunsill irid jimxi magħhom meta jsiru l-marki tat-traffiku. Is-Sur Grech ippropona li biex ma jkunx hemm aktar dewmien biex isiru l-*parking bays* u s-sinjali kollha li hemm bżonn fi Triq G Agius Muscat kif ukoll sinjali u marki f'toroq oħra, il-Kunsill għandu jagħmel ittra formali u jitlob l-approvazzjoni tal-marki u s-sinjali kollha li hemm bżonn jsiru. Is-Sindku ssekonda lis-Sur Grech u l-Kunsill qabel unanimament li ssir din it-talba bl-għajnuna teknika tal-Perit tal-Kunsill.

<u>Item 4 – Minuti tas-Sotto Kumitati</u>

Għalkemm ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitati, is-Sinjura Calleja nfurmat lill-Kunsill illi s-Sotto Kumitat għall-Familja kien iltaqa' b'mod informali biex isiru l-preparamenti għall-attivita' ta' *Treasure Hunt* fil-Belt Hompesch.

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent dwar Holqien 2012 - Kors ta' Spiritwalità u Formazzjoni fuq Żvilupp Sostenibbli f'Malta li ser isir bl-għajnuna taċ-Ċentru għall-Edukazzjoni Ambjentali u Riċerka tal-Università ta' Malta. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jħallas l-ammont ta' €90.00 bħala ħlas biex is-Sur Joe Bonnici bħala l-Kunsillier responsabbli mill-Ambjent jattendi għal dan il-kors.

Inqrat korrrispondenza rigward l-Avviż Legali 63 tal-2010 dwar Bord ta' Gvernanza Lokali.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar is-sit www.twinplace.eu, platform li jitkellem dwar skambju ta' informazzjoni fuq lokalitajiet ġemellati.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi wara l-ittra li kienet intbgħatet lir-residenti ta' Triq Patri Taddew Scembri dwar is-sistema tat-traffiku fit-triq tagħhom, il-Kunsill kien irċieva lura tminn risposti mir-residenti, fejn ħames familji ma qablux illi t-triq issir *one way* bil-kontra ta' kif inhi fil-preżent, filwaqt li tlett familji qablu.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa wkoll lill-Kunsill illi f'ittra mibgħuta mill-Perit Audrey Testaferrata de Noto, il-Kunsill qed jintalab jagħti il-pożizzjoni tiegħu peress illi Trasport Malta issa qed ikollha argumenti favur kif ukoll kontra is-sistema ta' *one way* fi Triq Patri Taddew Schembri. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buhagiar, il-Kunsill qabel unanimament li peress illi ftit tal-ġimgħat ilu il-Kunsill kien ingħata ordni minn Trasport Malta biex ineħħi l-*one way* li kienet saret wara approvazzjoni minn Trasport Malta stess, għandhom jitneħħew u s-sistema tat-traffiku fi Triq Patri Taddew Schembri terga' ssir kif kienet oriġinarjament.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-MEPA dwar skedar ta' proprjetà f'Ħaż-Żabbar. L-Awtorità nfurmat lill-Kunsill illi l-mitħna ta' Ħaż-Żabbar li tinsab fi Triq Bajada, kif ukoll il-mitħna ta' Bir Għeliem, li diġa kienet ġiet skedata bħala ta' grad 1 skont Avviż tal-Gvern 722/95 tas-17 ta' Novembru 1995, ġew skedati bħala ta' grad 1 skont l-Avviż tal-Gazzetta tal-Gvern Nru 486/12.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Malcolm Schembri fejn staqsa lill-Kunsill jekk iridx li jerġa' jiġi ppubblikat avviż fil-pubblikazzjoni 'Storja u Kultura Ħaż-Żabbar'. Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jippubblika avviż ta' paġna *black and white* dwar il-ġbir u s-separazzjoni tal-iskart għall-prezz ta' €60.00.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Diego Puleo fejn il-Kunsill ġie nfurmat illi wara elezzjonijiet lokali li saru f'Villabate, Dott. Francesco Cerrito ġie elett Sindku ġdid għal Villabate; filwaqt li s-Sur Peppe Mannino, li diġa serva fil-Kunsill fis-snin preċedenti, reġa' ġie elett bħala Consigliere Comunale. Is-Sur Puleo qal li hija l-intenzjoni tal-

Kunsill il-ġdid li jerġa' jsaħħaħ ir-rapporti ma' Villabate biex il-ġemellaġġ bejn iż-żewġt ibliet jerġa' jingħata l-ħajja.

Dwar il-korsijiet li ser jiġu organizzati mill-kumpanija TCTC, is-Sur Robert Buhagiar qal li ser issir laqgħa għall-ġenituri tat-tfal ta' bejn il-5 u l-10 snin li ser japplikaw għall-korsijiet I-KIDS li ser isiru fix-xhur tas-Sajf. Is-Sur Buhagiar qal li l-Kunsill mhux se joħroġ fondi biex isiru dawn il-korsijiet u fl-aħħar ġimgħa ta' Ġunju ser issir laqgħa għall-ġenituri tat-tfal parteċipanti.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Josnef Agius, *Professional Support Worker* mill-Aġenzija Sapport, li talab biex persuni b'diżabilità jingħataw opportunità f'attivitajiet li jiġu organizzati mill-Kunsill. Dawn l-attivitajiet jistgħu jinkudu lezzjonijiet tal-mużika partikularment tagħlim ta'strumenti bħall-pjanu, kitarra, vjolin eċċ; korsijiet fl-IT, klassijiet tal-*yoga* u attivitajiet oħra simili. Is-Sur Buhagiar qal li kien ser jitkellem mad-Direttur Maniġerjali tal-kumpanija TCTC biex jekk hu possibbli jaċċetta li numru limitat ta' persuni b'diżabilità fiżika u ntellettwali jingħataw l-opportunità li jagħmlu dan il-kors mingħajr ebda ħlas.

Dwar il-kompetizzjoni tal-*billiard* li ser tittella' bejn l-għaqdiet sportivi Żabbarin u l-Kunsill, is-Sindku ppropona li tingħata tifkira ta' parteċipazzjoni. Is-Sur Buhagiar issekonda lis-Sindku u l-Kunsill qabel unanimanent li tingħata tifkira lill-parteċipanti.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilità dwar laqgħa ta' informazzjoni bit-tema 'Aċċess għall-Kulħadd' li ser issir nhar l-Erbgħa 20 ta' Ġunju, 2012 fis-2.00 ta' wara nofsinhar f'Bugeia Institute, Santa Venera.

Is-Sindku semma talba li saritlu mis-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ biex xi gabbani li jkun hemm fi Triq tal-Labour faċċata ta' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi nhar is-Sibt tal-festa jiġu spustjati għal Misraħ tal-Madonna Medjatriċi sabiex is-Soċjetà tkun tista' ttella' wirja ta' logħob tan-nar f'din il-parti tat-triq. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li għandha ssir laqgħa mill-Kunsill flimkien mal-GRTU u l-Assoċjazzjoni tal-Gabbani, kif ukoll ma' rappreżentanti tas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ biex tiġi diskussa din it-talba.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Chris Schembri, President tal-għaqda Ħarsien Patrimonju Malti dwar it-talba biex l-għaqda tagħmel użu mis-sala tal-laqgħat tal-Kunsill għal-laqgħat tagħhom. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li peress illi s-sala tal-laqgħat tal-Kunsill ma tingħatax biex isiru laqgħat minn għaqdiet, soċjetajiet jew organizzazzjonijiet oħra, din it-talba ma tistax tiġi milqugħa. Il-Kunsill qabel li jista' joffri l-użu tas-Sala tal-Kunsill skont ir-regolamenti tal-*Bye-Law*.

Dwar il-ħtieġa ta' *reserved parking bay* għall-persuni b'diżabilità maġenb l-Iskola Dr Francis Chetcuti, is-Sur Grech ppropona li din għandha ssir maġenb l-iskola fi Triq Tumas Dingli. Is-Sindku ssekonda lis-Sur Grech u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Dwar ix-xogħol ta' *resurfacing* li qed isir mill-Kunsill f'numru ta' toroq taħt l-iskema PPP, is-Sindku talab li jitwaħħlu tabelli li jindikaw li x-xogħol qed isir mill-Kunsill Lokali.

Is-Sindku semma wkoll is-sewqan eċċessiv li qed isir fi Triq iċ-Ċimiterju. Is-Sur Grech qal li jeħtieġ li f'din it-triq isiru *slow signs* fl-iqsar żmien sakemm jiġi deċiż x'miżuri permanenti ser jieħu l-Kunsill biex jiġi mrażżan is-sewqan eċċessiv f'din it-triq. Is-Sindku qal li fi Triq Wied il-Għajn il-problema ta' sewqan perikoluż qed tkompli tikber u jeħtieġ tinstab soluzzjoni mmedjata għal din il-problema biex jiġi mbiegħed il-periklu li qed ikun hemm fil-preżent.

Dwar il-ġbir ta' skart, is-Sur Buttigieg qal li minn informazzjoni li għandu jirrizulta li l-ammont ta' skart separat f'Ħaż-Żabbar żdied u għalkemm din iż-żieda mhix ikkalkulata *per capita*, jidher li qed ikun hemm numru akbar ta' residenti li qed jisseparaw l-iskart. Fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament illi dan is-suġġett jiġi diskuss f'aktar dettal fl-laqgħa oħra.

Inqrat stedina mibgħuta mill-Kunsill ta' Eschborn għall-attività annwali Niederhochstadt li ser issir bejn l-10 u t-12 ta'Awwissu li ġej. Fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament illi s-Sindku u s-Sur Bonnici jirrappreżentaw lill-Kunsill f'din l-attività.

Dwar it-talba li saret minn residenta biex issir bankina ġdida u *crash barrier* fi Triq Wied il-Għajn, minn Sqaq tal-Għargħar sar-residenza 'Il-Ħarruba', il-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg qabel unanimanent li ssir talba għall-approvazzjoni lil Trasport Malta biex issir din il-bankina.

Item 5 – Xogħol tal-Kunsill

Approvazzjoni ta' Finanzi

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-iskeda ta' ħlasijiet għall-perjodu ta' bejn it-3 ta' Mejju, 2012 sat-30 ta' Mejju, 2012 li kien jammonta għal €94,624.56. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Mejju 2012 li kien jammonta għal €214.51.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja il-Kunsill approva unanimament ir-Rapport Annwali Amministrattiv għall-perjodu Jannar – Diċembru 2011.

Inqrat l-Ittra ta' Direzzjoni għas-Sena Finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru, 2011. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament mar-risposta li ser tintbgħat mill-Kunsill għal din l-Ittra ta' Direzzjoni.

Is-Sindku qal li l-Grupp Azzjoni Lokali qed jitlob li l-Kunsill jaħtar persuna biex ikun ir-rappreżentant tiegħu f'dan il-grupp. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Keith Pisani jkun ir-rappreżentant tal-Kunsill fil-GAL Xlokk.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-kuntratt li l-Kunsill għandu mas-Sur David Grech għall-knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani kien ser jiskadi fit-30 ta' Ġunju li ġej u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġġedditx jew le dan il-kuntratt għal sena addizzjonali. Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded dan il-kuntratt għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Dwar id-disinji li tħejjew mill-Perit William Lewis għall-entratura tax-Xelter tat-Tieni Gwerra Dinjija f'Misraħ is-Sliem, il-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Grech qabel unanimament mad-disinn tal-pjanti li ser jiġu sottomessi quddiem il-MEPA.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Alexander Grima, *Advisor* fil-Ministeru għall-Kompetizzjoni Ġusta, Negozji ż-Żgħar u l-Kummerċ, fejn il-Kunsill ġie suġġeriet jitlob parir legali biex ikun hemm kjarifikazzjoni aktar ċara dwar il-bejjiegħa tas-Suq fil-Beraħ f'Ħaż-Żabbar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob li ssir laqgħa mal-GRTU u mal-Assoċjazzjoni tal-Bejjiegħa bil-għan li jinstabu soluzzjonijiet għall-problemi li hemm dwar dan is-suq. Is-Sindku qal li minn eżerċizzju li sar mill-Kunsill flimkien mal-Pulizija fi Pjazza San Ġakbu li hu klassifikat bħala Suq fil-Beraħ u f'Misraħ is-Sliem li m'huwiex klassifikat bħala Suq fil-Beraħ, irriżulta li fiż-żewġ pjazez flimkien hemm erbgħin bejjiegħ li qed jarmaw. Għalhekk il-problema hija waħda kumplessa, anke fid-dawl ta' ittra li Dr Josie Muscat kiteb lill-Kunsill dwar il-problemi li qed ikun hemm fl-operat tal-isptar Saint James minħabba id-diżorganizzazzjoni li qed ikun hemm fil-misraħ.

Dwar l-ingaġġ ta' *Assistant Principal Officer* (Skala 11) mal-Kunsill, is-Sindku qal li billi l-Bord tal-Intervista ikkonkluda li mil-lista ta' applikanti li qed jirreġistraw taħt Part 3 u li ġew intervistati, ħadd mill-applikanti ma nstab adattat għal din il-kariga, qed tintalab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jintalab permess mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ biex tkun tista' ssir sejħa pubblika għall-applikazzjonijiet. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jintalab il-permess meħtieġ u tinħareġ sejħa pubblika għal din il-vakanza.

**<u>Item 6-Affarijiet Oħra</u>**

Is-Sur Mark Grech tkellem dwar il-ħtieġa li titneħħa *parking bay* li hemm fi Triq il-Kunvent faċċata ta' Triq Santa Tereża peress illi dan l-ispazju ta' parkeġġ qed ikun ta' periklu minħabba vetturi kbar li jduru mal-kantuniera ta' Triq Santa Tereża. Is-Sur Grech talab ukoll li ssir *bollard* jew *crash barrier* fil-kantuniera tat-triq biex jiġi evitat il-periklu għall-pubbliku u kull possibilità ta' ħsara fil-gallarija li hemm fil-kantuniera tat-triq.

Is-Sur Buttigieg qal li flimkien mas-Sur Bonnici u l-Perit David Vassallo kien mar fi Triq tal-Labour u tkellem dwar il-periklu li qed ikollhom il-*pedestrians* biex jaqsmu minn din it-triq arterjali. Is-Sur Buttigieg qal li ġie ssuġġeriet mill-Perit Vassallo illi l-Kunsill jerġa' jressaq dan l-ilment lil Transport Malta biex possibilment i*ż-zebra crossing* li hemm viċin Triq il-Vittorja tiġi spustjata u tinbidel f'*pelican crossing* biex b'hekk il-pubbliku jkun jista' jaqsam it-triq minghajr wisq periklu.

Is-Sur Buttigieg talab ukoll li jinżebgħu mill-ġdid il-*hatching* ta' Triq Bajada ma' Triq tal-Labour.

Huwa talab ukoll li l-Kunsill jikkunsidra jagħlaq parti minn Pjazza San Ġakbu nhar ta' Sibt matul il-ħinijiet tas-suq biex ma jkunx hemm vetturi għaddejjin minn man-nies li jkunu qed jixtru.

Is-Sur Buttigieg semma l-ħtieġa li titneħħa is-*central strip* ta' Triq il-Vittorja issa li din it-triq saret *one way* kif ukoll li jsiru *slow signs* fl-entratura ta' din it-triq.

Is-Sur Grech semma il-ħtieġa li ssir *road hump* fi Triq Bajada u titneħħa dik ta' Triq ix-Xgħajra.

Is-Sur Grech semma il-ħtieġa li jsiru l-ħwat fuq il-bankina ta' Triq is-Sanwarju fejn hemm il-kurduna nieqsa minħabba l-arbli tal-festa biex b'hekk jitneħħa l-periklu għall-pubbliku.

Is-Sur Grech qal li kien irċieva diversi talbiet biex isiru *parking bays* fi Triq il-Hawt, fi Triq il-Kaħwiela minn naħa ta' Triq Santa Marija.

Is-Sur Buttigieg qal li r-residenti tal-parti ta' fuq ta' Triq Santa Duminka ukoll qed jitolbu li jsiru *parking bays.*

Is-Sur Bonnici saħaq ukoll illi l-Kunsill kellu diversi talbiet biex jagħmel *parking bays* fi Triq l-Inkurunazzjoni.

Is-Sindku qal illi r-residenti ta' Sqaq Berqi u Triq Ġanni Bonavia, żewġ toroq li għadhom kemm ingħataw it-tarmak, qed jinsistu li għandhom isiru postijiet ta' parkegg peress illi qed ikun hemm diffikultajiet rigward l-ipparkjar f'dawn it-toroq.

Is-Sur Grech qal li kien qed jintalab li jsiru n*o parking lines* kif ukoll *single yellow line* fil-parti t'isfel ta' Triq Ħas-Sajjied u dan peress ħafna drabi qed jingħalaq l-aċċess għat-triq biex jiġu pparkjati xi vetturi.

Is-Sur Bonnici ppropona li l-parteċipanti żgħażagħ fil-Kamp Internazzjonali jħallsu €280 kull wieħed bħala parti mill-ispiża għax-xiri tal-biljetti tal-ajru, filwaqt li l-Kunsill iħallas għad-differenza fil-prezz tal-biljetti li parti sostanzjali minnha għandha tiġi rkuprata mis-sussidju tal-Unjoni Ewropea bħala spejjeż ta' vjaġġar. Is-Sindku issekonda lis-Sur

Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa pubblika għall-kwotazzjonijiet biex jinxtraw il-biljetti tal-ajru.

Is-Sur Grech talab li jsir xogħol ta' manutenzjoni tal-art fi Trejqet San Ġorg Preca kif ukoll li jsiru *slow signs* fi Triq Santa Duminka.

Is-Sur Grech qal ukoll illi wara li flimkien mal-Perit tal-Kunsill kien mar fi Triq iċ-Ċimiterju biex josserva f'dettal is-sistema tat-traffiku f'din it-triq, ħareġ evidenti li jeħtieġ li jsiru żewg *road humps* biex jitnaqqas l-abbuż ta' sewqan eċċessiv li qed isir f'din it-triq. Is-Sur Grech qal li s-suġġriment biex isiru *slow signs* fit-triq hi miżura temporanja sakemm isiru r-*road humps* proposti bħala miżura permanenti.

Dwar is-sistema tat-traffiku fi Triq Santa Duminka, Triq il-Qalb Imqaddsa u Triq il-Lembija, is-Sur Grech saħaq dwar il-ħtieġa li l-kuntrattur li qed jagħmel xogħol ta' kostruzzjoni fi Triq iż-Żinġla jara li ma jagħlaqx l-aċċess għall-vetturi, speċjalment vannijiet u vetturi oħra ta' daqs kbir. Dan sabiex jiġi evitat li tkompli tinħoloq konġestjoni tat-traffiku fit-toroq tal-madwar partikularment Triq il-Qalb Imqaddsa. Is-Sur Grech semma l-possibilità li jsiru tabelli ta' *No Entry for Heavy Vehicles* fl-parti d-dejqa ta' Triq il-Qalb Imqaddsa.

Is-Sur Buttigieg tkellem dwar il-ħtieġa li jinżabru s-siġar fi Triq il-Mina ta' Hompesch.

Is-Sinjura Calleja fakkret dwar il-ħtieġa mmedjata li jsiru *slow signs* fi Triq ix-Xgħajra fil-viċinanzi ta' Triq il-Kapuċċini, Triq l-Iskola u Triq il-Liftija.

Hija talbet ukoll li jitnaddaf il-*culvert* tal-ilma tax-xita li hemm fi Triq Lia.

Is-Sur Bonnici talab li ssir *road hump* fi Triq Wied il-Għajn ma' Triq ix-Xgħajra.

Is-Sindku semma l-proposta li kien għamel il-Kunsill biex Triq il-Luq issir *one way* u talab li din il-proposta terġa' tiġi kkunsidrata.

Is-Sur Bonnici talab li tiġi rranġata l-bankina fi Triq ix-Xgħajra bejn Triq Wied il-Għajn u Triq il-Qaqoċċ.

Is-Sur Bonnici talab li l-Kunsill ikompli jressaq l-ilmenti tiegħu biex tinstab soluzzjoni għall-problema ta'vetturi mitluqa.

Is-Sur Bonnici tkellem dwar il-ħtieġa li jitwaħħlu *dustbins* ġodda fi Triq is-Santwarju kif ukoll li jsiru *dog bins* ġodda fi Triq Wiġi Bongailas u fiż-żona ta' Tal-Plier.

Is-Sur Bonnici semma l-ħtieġa li tiġi spustjata l-ħofra tal-arblu tal-festa li hemm quddiem il-Bank of Valletta fi Triq is-Santwarju peress illi l-arblu li jsir fil-festa f'dan il-post jagħlaq l-aċċesssibilità.

Is-Sur Bonnici talab li jsir trattament għall-kwantità ta’ nemel li qed ikun hemm madwar il-bankijiet u l-istrutturi tal-logħob fi Ġnien il-Kunsill. Huwa talab ukoll li ssir in-niċċa madwar l-istatwa tal-Madonna li hemm fil-ġnien.

Is-Sur Bonnici fakkar dwar il-ħtieġa li l-monument tal-Ex President ta’ Malta, Agatha Barbara, jiġi rranġat fi żmien qasir.

Dwar ir-rotta Nru 91 li l-Kunsill kien kiteb dwara lil Trasport Malta, is-Sur Bonnici qal li b’sodisfazzjon jinnota li din ir-rotta issa reġgħet ġiet introdotta.

Fl-aħħarnett is-Sur Bonnici talab li ssir *road hump* oħra fi Triq Alessio Erardi peress illi f’parti mit-triq għadu qed ikun hemm abbuż fis-sewqan.

Il-laqgħa spiċċat fl-10.15 ta’ filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Ezekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-401 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 27 ta’ Ġunju, 2012.

Domenic Agius
Sindku